MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2015/1997/1

**Ruth Farrugia**

**vs**

**Joseph Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tal-15 ta’ Settembru 1997 a fol. 1 tal-process fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-27 ta’ Mejju 1993 u ma kellhomx tfal;
Illi l-imsemmi, Joseph Farrugia, rrenda ruhu hati fil-konfront ta’ martu l-attrici ta’ eccessi, mohqrija, theddid,

sevizzi u ngurji gravi, b'mod li l-konvivenza bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli;

Illi l-konvenut ghandu l-obbligu li jmantni lil martu;

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lill-Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-istess konvenut;

2. Tikkundannah ihallas retta alimentari lill-attrici li tigi stabbilita minn din il-Qorti b'dawk il-modalitajiet li jigu wkoll stabbiliti;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina *occorrendo* ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u *occorrendo* ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

4. Tikkundannaha sabiex tikkonsenja lill-attur fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, l-oggetti kollha parafernali ta' l-attrici, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat *occorrendo* permezz ta' perit nominand;

5. Tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli tmienja u erbghin (48) u wiehed u hamsin tal-Kodici Civili;**

6. Tordna lill-konvenut biex johrog mid-dar taz-zwieg u jhalliha ghall-abitazzjoni ta' l-attrici.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut li jibqa` ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici a fol. 3 tal-process u l-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 18 ta’ Frar 1998 fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenut johrog mid-dar matrimonjali u jaghti lill-attrici l-effetti personali kollha taghha;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo fejn giet ordnata n-notifika lil-kontro-parti b’erbat ijiem ghar-risposta.

Rat li l-istess notifika baqghet ma saritx u ghalhekk din il-Qorti b’digriet taghha datat 26 ta’ Lulju 2004 astenijiet milli tiehu konjizzjoni ta’ l-istess kemm *in vista* ta’ dak kontenut fil-verbal tas-seduta ta’ l-4 ta’ Marzu 1999 u kif ukoll *stante* li l-kawza tinsab *ormai* differita ghas-sentenza, ghat-28 ta’ Ottubru 2004, salv dak li ser jigi deciz fl-istess sentenza.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 4 ta’ Jannar 1999 a fol. 15 tal-process fejn ecceppixxa:-

1. Illi preliminarjament id-domandi ta’ l-attrici huma ghal kollox infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt *stante* li l-komportament ta’ l-attrici stess gab dizgwid u problemi fil-familja;

2. Illi fir-rigward it-tieni premessa, ma huwa minnu xejn li l-konvenut irrenda ruhu hati kontra l-attrici ta’ eccessi, mohqrija, theddid, sevizzji u ngurji gravi, anzi ghall-kuntrarju kienet l-attrici stess li propju rrendiet il-hajja konjugali ta’ bejniethom impossibbli minhabba ragunijiet legalment u fattwalment fondati, fosthom anke l-adulterju, eccessi sevizzji, minacci, theddid, mohqrija, ngurji gravi u inkompatibbilta` ta’ karattru;

3. Illi l-konvenut ma ghandux ebda obbligu legalment sabiex imantni lill-attrici fid-dawl ta’ l-emendi ghall-Kodici Civili u dan billi l-attrici ghandha l-kapacita`, l-hin, l-arti u s-sengha, li tista` ssib impjieg u b’hekk ikollha x-xoghol;

4. Illi l-konvenut jaqbel illi l-komunjoni ta’ l-akkwisti ghandu jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti, ghalkemm l-attrici ghar-ragunijiet gja indikati f’din in-nota ta’ l-eccezzjonijiet, hemm lok li tiddekadi minn dak is-sehem spettanti lilha skond il-ligi;

5. Illi r-raba` talba hija vessatorja *stante* illi l-attrici ghandha l-pussess ta’ l-affarijiet kollha kemm parafernali taz-zewg partijiet;

6. Illi ghar-rigward il-hames talba, l-konvenut bil-qawwa kollha jirrispingi l-allegazzjonijiet *stante* li huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif jista` jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

7. Illi ghar-rigward is-sitt talba l-konvenut, jopponi ghat-talba *stante* li ma hemm l-ebda raguni kemm fattwali kif ukoll legali ghalfejn ghandu jallontana ruhu mid-dar matrimonjali aktar u aktar illi din id-dar hija propjeta` parafernali ta’ l-istess konvenut;

8. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol. 17 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti ta’ din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo ta’ l-4 ta’ Marzu 1999 fejn giet nominata Dr. Veronica Galea Debono bhala Assistent Gudizzjarju; tat-21 ta’ Gunju 1999, ta’ l-10 ta’ Jannar 2000, tal-21 ta’ Marzu 2000; tal-11 ta’ Ottubru 2000; tat-8 ta’ Novembru 2000; tal-21 ta’ Frar 2001; ta’ l-20 ta’ Settembru 2001; tal-11 ta’ Jannar 2002 u tal-5 ta’ April 2002 fejn il-kawza giet differita sabiex tinstema’ minn din il-Qorti hekk kif prezentament presjeduta.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 15 ta’ Dicembru 2000 fejn permezz taghha esebiet l-affidavit taghha u ta’ ommha Grace Schembri;

Rat in-nota tal-konvenut datata 21 ta’ Frar 2001;

Rat l-affidavit tal-konvenut datat 21 ta’ Frar 2001 a fol. 39 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 21 ta’ Mejju 2001 fejn permezz taghha pprezentat risposta ghall-affidavit ta’ Joseph Farrugia;

Rat il-verbali tas-seduta tal-25 ta’ Gunju 2002 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn ordnat li jinzammu zewgt seduti ghall-provi kollha attrici, inghata digriet affidavits tal-konvenut u ordnat li jinzammu zewg seduti ghall-konkluzjoni provi konvenut, u l-kawza giet differita ghat-23 ta’ Jannar 2003;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Jannar 2003 fejn il-kawza giet differita ghad-29 ta’ Jannar 2003;

Rat in-nota tal-konvenut tat-28 ta’ Jannar 2003 fejn permezz taghha pprezenta affidavit tieghu stess datat 23 ta’ Jannar 2003.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Jannar 2003 fejn il-partijiet qablu li l-attrici ghandha zzomm id-dar matrimonjali u l-konvenut izomm il-garaxx u peress li l-partijiet kienu qed jippruvaw jintransigu gie revokat l-inkarigu ta’ l-Assistent Gudizzjarju; tat-12 ta’ Marzu 2003; tat-13 ta’ Mejju 2003; tal-11 ta’ Gunju 2003; u tat-18 ta’ Novembru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum, 28 ta’ Ottubru 2004.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Veronica Galea Debono fejn jirrizulta li gew iffissati biss hames seduti datati 8 ta’ Gunju 2000, 18 ta’ Ottubru 2000, 5 ta’ Dicembru 2000, 13 ta’ Novembru 2002 u 28 ta’ Novembru 2002 fejn assolutament ma sar ebda smigh ta’ xhieda.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet li ilha pendenti mhux inqas minn seba' snin, u li fiha l-partijiet kull ma pprezentaw kienu biss affidavits taghhom u ta' omm l-attrici, u ma gabu l-ebda xhieda *viva voce* minkejja li gew iffisati diversi seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju, hamsa b'kollox, minkejja li n-nomina taghha kienet ilha li saret mill-4 ta' Marzu 1999. Certament li dan ma huwiex il-mod li jitressqu provi mill-partijiet.

Illi l-partjiet izzewgu fis-27 ta' Mejju 1993 u tghid li ghalkemm il-post fejn kellhom joqghodu xtrawh flimkien, il-kuntratt sar biss fuq il-konvenut, pero' hija tghid li hija kkontribwiet ghax-xiri ta' l-istess post, kemm qabel u kemm wara z-zwieg daqs l-konvenut, tant li kienu hargu elf lira Maltija (Lm1,000) bejniethom fuq il-kuntratt, u hadu self mill-Bank ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) u qasmu wkoll l-ispejjez tal-kuntratt u tan-Nutar. Hadu ghajnuna minghand il-gvern fl-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) sabiex jirrinovaw l-istess post. Tali spejjez saru nofs bin-nofs, u wara saret l-ghotja mill-Gvern li l-attrici tghid li nzammu kollha mill-konvenut.

Illi l-istess attrici tghid li hija xtrat l-ghamara kollha li kien hemm fl-istess dar, inkluz *cooker, fridge* u *television*.

Illi l-attrici tghid li l-inkwiet beda mill-ewwel, *stante* li l-konvenut wara tlett ijiem meta kienu ghal qamar il-ghasel Ghawdex u kellhom idumu gimgha, wara tlett ijiem nizel Malta u mar jorqod ghand ommu; tfal ma riedx u manteniment kien jaghtiha histax-il lira Maltija (Lm15). Kien telaq mid-dar wara sentejn u kien taht kura psikjatrika u anke dahal l-Ispar Monte Carmeli, u l-attrici saret taf li kien taht il-kura ta' Dr. Mangion minn meta kellhu sittax (16)-il sena. Fil-fatt l-istess konvenut rega' mar ghand ommu, u l-attrici bdiet toqghod fid-dar konjugali, hija tghid bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, fejn jidher li ghadha tghix sa llum. Zewgha irtira mix-xoghol aktar minn sentejn qabel is-sena 2000, u ha s-somma ta' tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3,500), li hames mitt lira Maltija (Lm500) tghid li intefqu ghall-hajja, nofshom

uzathom hija ghall-hajja, u n-nofs l-iehor jinsabu l-bank sekwetrati mill-konvenut. Kellhom ukoll *garage* u karozza li jinsabu f'idejn zewgha. Fuq id-dar kien hemm dejn ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) mal-bank.

Illi l-konvenut jghid li l-mara hallset veru s-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) fuq il-kuntratt ghax-xiri tad-dar, pero' d-dejn ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) assumieh huwa u kompla jhallsu huwa mal-Lohombus Corporation. Ha somma mill-Gvern sabiex jirranga d-dar fl-ammont ta' tmien mija u erba' u disghin lira Maltija (Lm894) u pagament iehor li uzah sabiex ihallas id-dejn tal-bank. Jghid li minhabba l-indhil tal-familja tal-mara huwa telaq mid-dar u fil-fatt l-istess konvenut jghaddi biex isemmi diversi incidenti fejn huwa gie maltrattat minn martu u anke mill-familjari taghha.

Huwa baqa' jinsisti li l-fond matrimonjali huwa parafernali tieghu, u kien huwa li kien hallas ghad-dejn tad-dar mal-bank; jghid li kienet l-attrici li pperswadietu sabiex jirtira u mbghad hadet il-kumplament ta' somma li kien ghad fadal. Jghid li huwa kien ibati minn dipressjoni minhabba l-inkwiet li qalghatlu martu u l-familjari taghha u fil-fatt martu telqet f'Mejju 1997, u kien biss b'ordni tal-Qorti li l-mara *pendente lite* giet awtorizzata li tghix fid-dar matrimonjali.

Illi mill-provi prodotti jidher li x-xhieda dwar ir-responsabbilta' taz-zwieg hija ghal kollox konfliggenti, izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti kien l-atteggament taz-zewg partijiet lejn xulxin li ta lok ghas-seperazzjoni ta' bejniethom, fejn il-Qorti ghandha dubji kbar kemm verament il-partijiet riedu joqghodu flimkien ghalkemm izzewgu; dan ghaliex l-konvenut mill-ewwel beda' juri li ried immur jerga joqghod ma' ommu, u minn naha ta' l-attrici hija telqet mid-dar konjugali sabiex ma tibqax toqghod mal-konvenut f'Mejju 1997, u kien biss b'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta li hija bdiet toqghod fid-dar *pendente lite.*

Illi ghalhekk meta wiehed ihares lejn il-provi, li huma verament skarsi, din il-Qorti thoss li l-partijiet it-tnejn huma responsabbli ghal din il-firda personali u dan minhabba

eccessi li l-istess partijiet ikkomettew fil-konfront ta’ xulxin, b’mod li l-konvivenza ta’ bejniethom m’ghadhiex aktar possibbli, anke minhabba inkompatibbilta’ ta’ karattru.

Illi dwar manteniment jinghad li hadd mill-partijiet ma jahdem u ma jidhirx li xi hadd minnhom dispost li jahdem, u b’hekk hadd minnhom ma huwa ser jmantni lill-parti l-ohra.

Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wkoll *in vista* tal-verbal datat 29 ta’ Jannar 2003 fejn jirrizulta li *l-partijiet informaw lill-Qorti li qed jipprovaw jintransigu stante li jidher li hemm qbil li d-dar matrimonjali zommha l-attrici, waqt li l-konvenut jiehu l-garage, it-tnejn in piena proprjeta”,* din il-Qorti thoss li l-assenjazzjoni tal-proprjeta’ immobbli u mobbli ghandha ssir b’dan il-mod li gej, anke *in vista* ta’ dan il-ftehim.

Illi l-fond 2, Triq il-Kuncizzjoni, Zabbar, kif deskritt fil-kuntratt ta’ l-akkwist datat 24 ta’ Jannar 1992 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza u li jinsab esebit a fol. 92 tal-process, jirrizulta li teknikament huwa proprjeta’ parafernali tal-konvenut ghaliex inxtara minnu qabel iz-zwieg ta’ bejn il-partijiet.

Illi pero’ mill-provi prodotti, ma hemm l-ebda dubju li l-istess fond inxtara ghall-iskop li jigi uzat bhala dar matrimonjali tal-kontendenti, u wkoll u iktar sinifikanti li l-istess attrici halset nofs l-ammonti li kienu dovut fuq il-konvenju u fuq il-kuntratt, inkluz id-depozitu u l-ispejjez tal-kuntratt; mhux biss izda l-istess fond gie rrangat minn sussidju li l-konvenut ircieva minghand il-Gvern jew l-awtoritajiet kompetenti, kif *di piu* jirrizulta mill-istess kuntratt, u s-self li kien sar mal-Bank sabiex issir l-akkwist ta’ l-imsemmi fond thallsu mill-introjtu tal-konvenut waqt iz-zwieg, liema ntrojtu jifforma parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, u ghalhekk l-istess attrici ghandha kreditu ta’ nofs l-ispejjez li hija harget jew kellha sehem minnhom ghall-akkwist ta’ l-istess fond.

Illi jidher li l-partijiet fuq dan ftehmu wkoll li l-istess post ghandu jigi assenjat lill-attrici, u ghalhekk din il-Qorti *in*

*vista* tal-konstazzjonijiet appena fuq indikati, tassenja lill-attrici, l-fond 2, Triq il-Kuncizzjoni, Zabbar, kif deskritt fil-kuntratt ta' l-akkwist datat 24 ta' Jannar 1992 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza, lill-attrici kwantu ghan-nofs indiviz in sodisfazzjon tal-kreditu taghha parafernali fuq l-istess post, u wkoll in sodisfazzjoni tal-kontribuzzjonijiet li saru waqt iz-zwieg mill-kommunjoni ta' l-akkwisti sabiex tithallas parti mid-dejn fuq l-istess post mal-bank, u kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor kemm *per saldo* ghal kull dritt ta' manteniment li l-istess kellha u ghanda kontra l-konvenut, u dan bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 1,** *stante* li jidher car li minkejja kollox, il-konvenut m'huwiex dipost li jmantni lill-attrici, anke peress li ma jahdimx u ma jidhirx li jrid jahdem, u wkoll *stante* li ser jigi assenjat sehem l-attrici mill-*garage* li xtraw matul iz-zwieg lill-konvenut, kif ser jinghad aktar 'il quddiem f'din id-decizjoni. Illi ghalhekk din il-Qorti tordna li l-istess fond jigi assenjat mill-konvenut lill-attrici, kif hawn indikat u wkoll kif miftiehem bejn il-partijiet fil-verbal indikat.

Illi l-*garage* li inxtara waqt iz-zwieg, dan ghandu jigi assenjat lill-konvenut, b'dan li b'effett ta' din is-sentenza l-istess *garage* ghandu jsir proprjeta' assoluta tal-konvenut.

Illi l-mobbli li hemm fil-fond li qabel kien matrimonjali ghandhom jibqghu kollha kemm huma ta' l-attrici u ghalhekk qed jigu assenjati lilha, filwaqt li l-karozza li tinsab fil-pussess tal-konvenut ghandha tibqa' proprjeta' tal-konvenut flimkien ma' l-oggetti mobbli kollha li jinsabu fil-pussess tieghu.

Illi bhala dejn jidher li hemm is-self mal-bank sabiex inxtrat dik li kienet id-dar konjugali, liema self ghandu jigi mhallas bin-nofs bejn il-partijiet, u d-depozitu bankarju ezistenti, li jinkorpora fih, il-bilanc mis-somma li l-istess konvenut kien ha meta rtira mix-xoghol max-Shipbuilding, liema depozitu bankarju ma giex *per se* specifikat f'din il-kawza, ghandu jinqasam ukoll bin-nofs bejn il-partijiet.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tichad ir-raba' talba attrici, izda tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, dan minhabba eccessi li l-istess partijiet ikkomettew fil-konfront ta' xulxin, b'mod li l-konvivenza ta' bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli, anke minhabba inkompatibbilta' ta' karattru;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li l-istess konvenut m'ghandhux l-ebda introjtu mix-xoghol, u fi kwalunwe kaz kull dritt ta' manteniment ta' l-attrici qed jigi saldat bl-applikazzjoni wkoll ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16,** kif gja inghad f'din id-decizjoni.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u dan b'effett minn Mejju 1997, u *in vista* ta' dak fuq premess u deciz din il-Qorti tassenja lill-attrici l-fond 2, Triq il-Kuncizzjoni, Zabbar, u dan *in vista* ta' dak indikat iktar 'il fuq f'din is-sentenza, anke l-applikazzjoni ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16** u kif ukoll miftiehem bejn il-partijiet fil-verbal tad-29 ta' Jannar 2003, filwaqt li minn naha l-ohra l-*garage* mixtri mill-partijiet waqt iz-zwieg qed jigi assenjat lill-istess konvenut.

Illi l-mobbli li hemm fil-fond li qabel kien matrimonjali ghandhom jibqghu kollha kemm huma ta' l-attrici u ghalhekk qed jigu assenjati lilha, filwaqt li l-karozza li tinsab fil-pussess tal-konvenut ghandha tibqa' proprjeta' tal-konvenut flimkien ma' l-oggetti mobbli kollha li jinsabu fil-pussess tieghu.

Illi s-self mal-bank ghandu jigi mhallas bin-nofs bejn il-partijiet, u d-depozitu bankarju ezistenti, li jinkorpora fih, il-bilanc mis-somma li l-istess konvenut kien ha meta rtira mix-xoghol max-Shipbuilding, liema depozitu bankarju ma giex *per se* spedifikat f'din il-kawza, ghandu jinqasam ukoll bin-nofs bejn il-partijiet.

Tinnomina lin-Nutar Dr. Mario Bugeja sabiex jippubblika l-att opportun dwar l-immobbli *in vista* ta' l-assenjazzjoni hawn ordnat tal-fond 2, Triq il-Kuncizzjoni, Zabbar lill-attrici, u tal-*garage* lill-konvenut, liema kuntratt ghandu jsir fil-bini tal-Qrati Superjuri Civili, fil-25 ta' Novembru 2004 fil-11.00.a.m. u tinnomina lill-Avukat Dr. Lydia Zerafa sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

4. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta' provi dwar l-istess.

5. Tilqa' din it-talba fil-konfront taz-zewg partijiet biss fis-sens li qed jigu applikati fil-konfront ta' xulxin biss id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (a)** u kontra l-konvenut d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16.**

6. Tilqa' din it-talba fis-sens li l-istess dar, 2, Triq il-Kuncizzjoni, Zabbar, giet issa assenjata lill-attrici, u li l-istess ghandha tghix fl-istess dar ghad eskluzjoni tal-konvenut, li *in verita* gja hareg u qed jghix 'il boghod mill-istess fond.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond'
Awla jinqassmu bin-nofs bejn l-partijiet.

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless mill-fatt li minkejja li l-kawza ilha pendenti mill-15 ta' Settembru 1997, l-istess partijiet resqu provi biss bil-procedura ta' l-affidavit, u ma ressqu ebda provi quddiem l-Assistent Gudizzjarju, minkejja li gew iffissati diversi seduti, u bil-mod kif l-istess partijiet ressqu l-provi taghhom b'hafna hela ta' zmien, tant li kif jirrizulta mill-process, il-partijiet qatt ma kellhom jiehdu dan iz-zmien kollu sabiex iressqu l-provi taghhom, u ghalhekk din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet tawlu l-proceduri bla bzonn anke minhabba l-pika esagerata taghhom, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lill-attrici thallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u

minn naha l-ohra lill-konvenut jhallas is-somma ta’ mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------